MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 311/2013

**3A Malta Limited**
**C 41217**

**Vs**

**Office Group Limited**
**C 39197**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2013 fejn is-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata sabiex thallasha s-somma kapitali ta' elfejn mija u erbgha u ghoxrin ewro (€2,124.00) rapprezentanti servizzi professjonali rezi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta oltre 'VAT' relattiv, u dan skond kif muri fuq rikjesta ta' pagament numru 2014598 datata wiehed u

ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala dokument ittra 'A'.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-komunikazzjoni nterpellatorja datata tmintax (18) ta' April elfejn u tlettax (2013) [ara dok 'B' kopja ta' l-email] u 'C' [kopja nterna ta' l-ittra nterpellatorja], flimkien mal-imghax bl-oghla rata skond il-ligi mid-data ta' hrug tar-rikjesta ta' pagament sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2013 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mija u erbgha u ghoxrin ewro (€2,124.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz tal-prezenti u tal-komunikazzjoni nterpellatorja jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------